Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 568/2012

Il-Pulizja

Supretendent Paul Vassallo

vs

Vincent Micallef

Raymond Micallef

Illum 20 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Vincent Micallef detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 427675M u Raymond Micallef detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 86459M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 ta` Novembru 2006, u fil-gimghat ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, f'stabilliment f'San Giljan, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma` ohrajn fl-ezercizzju ta` burdell jew ta` dar, hanut jew lokal iehor jew ta` xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta` prostituzzjoni

jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikoli (1) (3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala l-persuni responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta` laqgha ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhal sidien jew bhala l-persuni li kellhom f'idejhom l-amministrazzjoni ta` dar jew fond iehor li xjentement taw b'kiri jew ippermettu l-uzu taghhom ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Aktar akkuzati talli fl-istess dati, lok, hinijet u cirkostanzi bhala operaturi ta` attivitajiet turistici hallew l-post f'xi zmien intuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 7 tal-A.L. 128/2002;

Aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi , f'dawn il-Gzejjer imjegaw, jew taw xoghol lil, xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta, jew b'mod iehor ghenu jew assistew lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti fl-ghemil ta` reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1) (b) tal-istess Att;

Aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer impjegaw persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (9) tal-A. L. 205 tas-sena 2004;

Aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bhala principali mpjegaw xi persuna li ma kienitx cittadin ta` Malta, liema persuna ma kelliex permess tax-xoghol u dan bi ksur tal-Artikolu 7, Avviz Legali tas-sena 1993;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta` kundanna ghal reat taht l-Ordinazzjoni Dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta` liema jkun sar ir-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta` kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew t-thassir ta` kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiorgio u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna msemmija aktar `l fuq u dan skond l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Novembru, 2012, fejn il-Qorti lliberat lill-imputati mill-akkuzi dedotti a tenur tal-Artikolu 5(9) tal-A.L. 205 tas-sena 2004 u taht l-Artikolu 7 tal-A.L. tas-sena 1993.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Novembru, 2012, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha f'dan il-kaz issib lill-appellati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet applikazzjoni u nterpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi nonche apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiema

konsegwenza ta' liema hija waslet ghad-decizjoni liberatorja taghha u ghalhekk dan l-appell qed isir *inter alia* in bazi ghall-artikolu 413(l)(b)(iv)(c) tal-Kap 9.

Illi fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Magistrati (Malta) waslet ghall-konkluzjoni taghha li tillibera lill-imputati mill-ewwel erba' imputazzjonijiet minhabba li ghamlet interpretazzjoni zbaljata ta' dak li jikkostitwixxi "prostituzzjoni" u "skopijiet ohra mmorali". Fil-fatt minn qari tas-sentenza l-Qorti tal-Magistrati (Malta) sempliciment ikkunsidrat li ma ngiebet l-ebda prova li fl-istabbiliment in kwistjoni jew f'xi parti minnu kien ffrekwentat ghal skopijiet ta' "prostituzzjoni" jew ghal "skopijiet ohra mmorali" dan pero' minghajr ma dahlet *funditus* fl-elementi ta' dawn ir-reati u partikolarment x'jikkostitwixxi "prostituzzjoni", "skopijiet ohra mmorali" etc.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghal xi kazistika u gurisprudenza barranija ta' x'inhuma l-elementi fil-ligi ta' "Prostituzzjoni", "Prostituta" u "Atti Immorali"

Fil-fatt "the essence of prostitution is the making of an offer of sexual services for reward, and that it is immaterial that the person making the offer does not intend to perform them and does not do so".

> [P]rostitution does not necessarily involve that the woman offers full sexual intercourse. A person who, for example masturbates clients, falls within the definition. Nor is prostitution confined to the case where the person offers his or her body passively. The breadth of this definition brings proprietors of massage parlours where sexual indecencies are practised, and escort agencies where such practice are encouraged, within the section.

Ghall-fini ta' dan l-appell, dawn it-tip t'attivitajiet riferiti fl-ahhar ta' din is-silta ser jigu riferiti bhala "*prostituzzjoni in senso lato*".

Illi prostituta "includes a woman who offers her body commonly for acts of **lewdness** for payment although there is no act or offer of an act of ordinary sexual intercourse". Iktar minn hekk "prostitution is **proved** if it be shown that a woman offers her body commonly for **lewdness** for **payment** in return".

Il-kelma prostituta tirrelata ma' "someone who is prepared for **reward** to engage in act of **lewdness** with all and sundry or with anyone who may hire her for that purpose." Iktar minn hekk "it is not necessary that she should have submitted to acts of lewdness in a passive way. Active acts of indecency by the woman herself will fall within this section".

L-esponent jirreferi wkoll ghas-sentenza *O'Carroll v United Kingdom* (2005), fejn l-ECHR iddecidiet li "one cannot use absolute rigidity in the framing of laws on what constitutes indecency and that this is traditionally given a transient definition that could be considered vague but that this is not a breach of Article 7 of the European Convention on Human Rights". Fil-fatt dan jirrizulta wkoll mill-kazistika Maltija aktar ricenti in materia, fosthom is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija nhar il-25 ta' Mejju 2012 fl-ismijiet *il-Pulizija (Suprintendent Sharon Tanti) vs. Frank Cachia et* fejn il-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti dwar it-tifsira tal-frazi "skopijiet ohra mmorali" giet riferita lill-Qorti rimandanti biex tigi determinat minnha in kwantu din il-frazi bl-ebda mod ma kienet tirrendi l-artikolu 8(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta vjolattiv tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dan ifisser li issa jispetta lil din il-Qorti tiddetermina jekk l-atti ta' *pole dancing* u *lap dancing* maghmulin fl-istabbiliment *Huggins* minn tfajliet li kienu lebsin biss bra u qalziet ta' taht (li min jiddiskrevih bhala tanga u min jiddiskrevih bhala "sexy") u/jew bi hwejjeg trasparenti li minnhom jidhru dawn l-indumenti ntimi femminili humiex atti ta' prostituzzjoni "*in senso lato*" jew humiex atti "immorali"ghall-finijiet tal-imputazzjonijiet kontestati lill-imputati appellati. Dan ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta ben car li t-tfajliet misjuba f'dan l-istabbiliment kienu lebsin b'dan it-tip ta'

lbies u kien biss wara li l-Pulizija nsistew maghhom biex jilbsu jeans u top biex jehduhom id-Depot ghal aktar interrogazzjoni li dawn jidhru lebsin dicenti fir-ritratti ezebiti a fol 280.

Inoltre mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li tfajla minnhom kienet qeghdha tizfen ma arblu f'nofs il-kamra principali, ohra kienet fi cubicle tizfen fuq hogor ragel u l-ohrajn kienu mal-bar, naturalment ihajru lill-irgiel prezenti ihalsu drink, ghaliex mill-bejgh tad-drinks kienu wkoll jiehdu l-commission.

Illi fil-kaz in dizamina ma hemm l-ebda dubju li t-tfajliet instabu mill-Pulizija wahda taghmel *pole dancing;* ohra *lap dancing* mal-klijenti rgiel ghax dan ikkostatawh u xehduh il-Pulizija kollha li kienu marru *in situ;* huwa pruvat anke mill-imputati appellati stess li fl-istqarrija taghhom stqarrew li fl-istabbiliment *Huggins* isir *pole dancing*. Ghalkemm l-imputat Vincent Micallef biss jghid li ma kienx isir *lap dancing,* l-imputat l-iehor Raymond Micallef jikkonferma li kien isir *lap dancing* mit-tfajliet ukoll.

Ghal dawk mhux daqshekk midhula ta' dan is-settur, fir-rapport bl-isem "*Profitable Exploits Lap Dancing in the UK"* jigi spjegat illi *lap dancing* jirreferi ghall kull tip ta' zfin erotiku bhal <u>zfin fuq imwejjed jew ma arbli.</u> Ir-rapport jghid li *lap dancing* jista jkun ukoll:-

> Couch dancing and tailing with the dancer standing over a customer set on a couch hanging her breasts over him. The US version of lap dancing requires the woman to straddle the man's lap and rub against him. A variation involves the woman dancing between the customer's legs whilst sliding down in the chair

so that her thighs are rubbing the customer's legs whilst sliding down in the chair so that her thighs are rubbing the customer's genitals as she moves.

Fl-istess rapport *pole dancing* hu deskritt bhala "a cabaret performance in the main are and is the element most commonly used in TV and film representation".

Dan it-tip ta' zfin mhux sempliciment att libidinuz u zieni, imma ma huwa xejn hlief "an exhibition of wares" accessibbli ghal *lap dancing* u daqstant iehor huwa simulazzjoni ta' attivita sesswali u tal-att sesswali nnifsu kif fil-fatt hu l-qofol tal-*lap dancing.*

*Pole dancing* essenzjalment hija zifna minn mara madwar lasta jew arblu, u timita movimenti li mill-ewwel huma identifikati mal-att konjugali. Dan it-tip ta' zfin minnu nnifsu jammonta ghal ghemil zieni jew serje ta' ghemejjel zienja maghmulin bl-istess intenzjoni u fl-istess hin, generalment waqt xi kanzunetta, twila kemm hi twila l-kanzunetta. Il-qofol ta' din it-tip ta' rappresentazzjoni hija t-tqanqil tal-*libido*, tal-aptit sesswali li, (minbarra z-zifna provokanti u oxxena maghmula minn tfajla liebsa biss bra u tanga jew qalziet ta' taht "sexy" erba passi l-boghod mill-klijenti, normalment ragel), jkompli jigi mqanqal minn grokk alcohol wara l-iehor istigat mit-tfajliet stess grazzi ghall-incentiv moghti lit-tfajliet permezz tal-commissions li t-tfajliet jiehdu minn fuq il-bejgh tad-drinks alkoholici li jigu mixtrija mill-klijenti ghalihom u ghall-klijenti nfushom. Insomma esperjenza ta' tqanqil u eccitament sesswali maghquda ma konsum ta' alcohol li tkompli zzid mad-doza kkargata tal-aptit sesswali naxxenti minn dawn l-atti di libidine li ssibhom hemm quddiem ghajnejk erba' passi l-boghod.....

Francesco Carfora fil-"Digesto Italiano" jghid illi "atti di libidine debbono ritenersi tutti quei contatti e quello manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete dello libidine". Minn dan johrog car li atti ta' libidine huma dawk l-atti kollha: "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza"

Skond l-Imhallef Dott. Vincent Dr Gaetano fil-kawza "*The Police vs Thomas Wiffen*", "the duration of these acts is immaterial for the nation of a lewd act".

L-esponent isostni li "atti di libidine" jew "lewd acts" huma ekwiparabbli ghal "atti mmorali" f'dan il-kuntest. Illi gie sostnut li

> lewd and immoral activity has been considered to take place where the predominant object and natural effect and natural effect upon the observers-patrons of one partion of the performance was erotic excitation.

Jista qatt ikun hemm dubju li min jippartecipa fil-*pole dancing* u *lap dancing* kwazi gharwien jew bi lbies li jkun "sexy" ikun qed jaghmel dan ghal skopijiet ta' eccitament sesswali?

Ghalkemm il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz iddikjarat kemm fix-xiedha kif ukoll fit-trattazzjoni li f'dan l-istabbiliment ma kienetx ghaddejja attivita ta' prostituzzjoni fis-sens ta' atti sesswali jew presentazzjonijiet sesswali espiciti xorta wahda kien hemm, skont dak imfisser aktar il-fuq, attivitajiet ta' prostituzzjoni *in senso lato.* Huwa f'dan is-sens li skont il-Ligi u d-duttrina hawn fuq imsemmija, l-istabbiliment in kwistjoni

kien qed jintuza bhala burdell u bhala stabbiliment ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali.

Ghalhekk f'dak li ghandu x'jaqsam mal-interpretazzjoni legali tal-kelma "prostituzzjoni", skond kif diga gie spjegat aktar il-fuq, skont il-Ligi (u mhux skond il-percezzjonijiet popolari jew populisti), kienet qed titwettaq attivita ta' prostituzzjoni gewwa l-istabbiliment in kwistjoni. Isegwi ghalhekk li dan l-istabbiliment in kwistjoni, skont il-ligi, jikkwalifika bhala 'burdell' u/jew bhal 'stabbilimenti ghal skopijiet ta' prostituzzjoni'. Fil-fatti gie ritenut illi:

> Whether premises constitute a brothel is a question of fact and degree: they are not precluded from being a brothel just by the fact, on any one day, only one prostitute is present. Where there is a joint use of premises by a team of women for the purposes of prostitution, the premises constitute a brothel.

Illi "it is not necessary (to prove) that there should be evidence of any indecency or disorderly conduct being perceptible from the exterior of the house" sabiex l-istabbiliment jigi konsidrat bhala burdell.

> A brothel is defined as a place where people are permitted to resort for any purpose of unlawful sexual intercourse. It is not necessary that full sexual intercourse be offered there nor is it necessary that payment for such services be made. A brothel may be a house, or a room, or a set of rooms kept for the purpose of prostitution.

Gie sostnut illi meta jkun qed jigi kkonsidrat individwu huwiex hati li zamm jew mexxa jew qasam ma' ohrajn fit-tmexxija u kontroll ta' burdell, jew hu jew huma maghrufin li jwasslu ghal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet ohra mmorali anke "where a porter was employed to look after [such premises] it was held that he could be convicted of being wilfully a party to that continued use of the premises or part thereof as a brothel"

Illi:-

> A person may be guilty of assisting in the management even though he or she acts in a menial capacity, such as receptionist. It is however submitted that a purely menial servant, such as a cleaner, who neither admits nor denies admissions to others does not assist in the management. <u>A person may act or assist in a brothel without acting or assisting in its management.</u>

Illi pero' anke jekk, minghajr pregudizzju ghas-suespost u biss *gratia argomenti* din il-Qorti thoss li din l-interpretazzjoni tal-kuncett ta' prostituzzjoni in senso lato mhix wahda legalment kondivizibbli xorta jibqa l-fatt li l-azzjonijiet tat-tfajliet f'dak il-kuntest cirkostanzjali mehud in toto kien jinvolvi atti mmorali u ghalhekk isegwi li l-imputati appellati rrendew ruhhom hatja tar-reati kontemplati fl-ewwel erba' imputazzjonijiet. Fl-umli fehma tal-esponent mhux accettabbli li atti di libidine riflessi f'*pole dancing* u *lap dancing* maghmulin f'postijiet bhal dan in disamina minn tfajliet li huma aktar imnezzghin milli lebsin jigu meqjusa bhala li ma humiex atti "ohra mmorali".

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza suriferita "Il-Pulizija vs Frank Cachia et":-

> 40. Id-domanda hija, jista' gudikant, indipendentement mill-opinjonijiet personali u soggettivi tieghu, jiggudika jekk dawn l-atti li dwarhom l-appellanti huma akkuzati, rigwardanti oggettivament, jekk jirrizultaw

pruvati, jitqiesu bhala atti li jikkostitwixxu r-reat ta' atti maghmula ghal skop ta' prostituzzjoni *jew ghal skopijiet ohra mmorali*. Jistghu l-appellati ragjonevolment jahsbu li ma kinux ser jittiehdu passi kontra taghhom taht dan il-kap meta huma joffru dan is-servizz ta' zfin ta' natura sesswali u/jew erotica b'nisa barranin kwazi gharwenin ghal kollox ghal udjenza komposta kwazi minn irgiel biss, anke f'kabini privati, u dan bi hlas ghal dawn is-servizzi sesswali.

41. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-frazi 'atti mmorali' f'dan il-kaz tissodisfa r-rekwizit ta' *foreseeability* fil-kuntest tal-ligi inhi u fis-socjeta' maltija u gudikat ghandu l-parametri biex ikun jista' jasal ghal konkluzzjoni jekk *lap dancing, pole dancing u strip tease,* (u mhux semplici zfin b'bikini imma '*mimicking sexual acts on stage* b'nisa kwazi gharwenin) jammontawx ghal atti mmorali *ai termini* tal-ligi taht il-Kap. 63

Fi ftit kliem, meta wiehed jaghrbel sewwa u bir-reqqa dan il-kliem verament jaghmel sens id-detto "*poche parole al buon intenditore*"!

In definittiva l-esponent umilment jissottometti li:

a. *Lap dancing u pole dancing* jammonta ghal atti libidinuzi quddiem il-Ligi.

b. Kull persuna li tikkommetti dan it-tip ta' ghemil zieni fil-kuntest cirkostanzjali bhal dak in disamina ghandha tigi kkonsidrata li kkommettiet atti ta' prostituzzjoni u/jew atti mmorali b'ghajnejn il-Ligi;

c. U l-istabbiliment fejn dawn it-tfajliet ipprestaw servizzi tali li jistghu jigu ritenuti ta' prostituzzjoni billi jaghmlu ghemil zieni ta' *lap dancing* u *pole dancing* ghandu jigu ritenuti bhala burdell ai termini tal-ligi.

d. Dawk il-persuni li jiggestixxu dan l-istabbiliment u kull min jassocja ruhu, jzomm, imexxi, jippermetti jew ikollu x'jaqsam ma' dan it-tip ta' burdell ghandu jinstab hati tal-ksur tal-ligi ghandu jkun ritenut responsabbli f'dan il-ksur.

e. F'dan is-sens, ghalhekk tenut kont tal-provi prodotti f'dan il-kaz, inkluz dwar l-involviment tal-imputati appellati fir-rigward tal-gestjoni u amministrazzjoni ta' dan l-istabbiliment *Huggins,* u tenut kont tal-licenzja amministrattiva relattiva, l-imputati appellati ghandhom jigu ritenuti responsabbli li kkomettew l-ewwel erba' reati mputati lilhom.

Illi minbarra dan, l-imputati appellati gew ukoll liberati mill-hames, sitt u seba' imputazzjonijiet rigwardanti l-impjieg tat-tfajliet kontra d-disposizzjonijiet tal-ligi msemmija f'dawn l-imputazzjonijiet. Anke hawnhekk l-esponent umilment ma jikkondividix il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Dan peress li mill-provi prodotti jirrizulta li dakinhar tar-raid kien hemm, zgur, *inter alia,* fl-istabbiliment *Huggins Darlings:*

(1) Andreea Ioana Tarbujaru;

(2) Mihaela Rosiu; u

(3) Laura Silvia Stanescu

Il-motivazzjonijiet principali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li permezz taghhom ma sabitx htija taht dawn l-imputazzjonijiet hamsa, sitta u sebgha kienu:

(a) Kien hemm tfajliet li mill-provi prodotti ma kienux prezenti fl-istabbiliment de quo meta sar ir-raid. Dan huwa minnu biss in parti, ghaliex kif ser jigi spjegat kien hemm tfajliet ohra li kienu prezenti matul ir-raid u li l-applikazzjonijiet taghhom gew prezentati u ohrog il-ghageb dawn l-applikazzjonijiet kienu gew tempestivament rifjutati.

(b) L-ismijiet tat-tfajliet li kienu prezenti waqt ir-raid kienu simili ghal dawk li xehdu dwarhom il-Pulizija (principalment l-Ispettur Antonovich Muscat) izda li dawn l-ismijiet ma humiex ezattament l-istess bhal dawk li jirrizultaw mill-applikazzjonijiet mal-ETC. Huwa minnu li hemm differenzi bejn dawn l-ismijiet imsemmija mill-ETC fid-dokumenti ezebiti a fol 60 u a fol 173 tal-process. Pero' jirrizulta ukoll mill-istess atti li l-Qorti tal-Magistrati (Malta)

kellha mezzi ohrajn biex tidentifika lil dawn it-tfajliet u tqabbel sewwa sew id-dettalji taghhom mal-applikazzjonijiet suriferiti. L-esponent jemmen li d-diffikulta hawnhekk hija wahda ta' traskrizzjoni ta' isem mehuda mid-deposizzjoni viva voce tal-ufficjal tal-pulizija xhud, u mhux dettalji forniti mill-ufficjal tal-pulizija.

(i) Dwar Andreea Ioanan Tarbujaru. Din hija riferita mill-Ispettur Antonovitch Muscat bhala "Andrea Ioana Darbujalo". A fol 291, l-istess Spettur jigi registrat u traskritt li rrefera ghaliha bhala 'Andreea Loana Tarbujaru". A fol 60 huwa car li l-isem registrat taghha huwa "Andreea Ioana Tarbujaru". Apparti minn hekk l-Ispettur Antonovitch Muscat a fol 135 ikompli jaghti dettalji aktar precizi dwar din it-tfajla meta jghid li din ghandha "tmienja u ghoxrin (28) sena, Rumena ukoll, imwielda fis-7 ta' Settembru, 1978 u numru tal-passaport Rumen 7980252". A fol 120, mill-applikazzjoni maghmula mill-imputat Vincent Micallef tal-ETC ghal Andreea Ioana Tarbujaru jirrizulta li din it-tfajla hija ta' nazzjonalita' Rumena, jisimha Andreea Ioana Tarbujaru, twieldet "07/08/1978" u n-numru tal-passaport taghha huwa 07980252, kif jidher a fol 123. Fl-umli fehma tal-esponent, hawn bizzejjed biex jitnissel il-konvinciment morali li hawnhekk si tratta tal-istess persuna u li l-applikazzjoni tal-impjieg taghha kienet diga tidher registrata bhala "refused" fit-2 ta' Novembru 2006 skont fol 60 u 113 et seq.

(ii) Dwar Mihaela Rosiu. Fit-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-Ispettur Antonovitch Muscat a fol 135 hemm imnizzel li huwa jirreferi ghal Mihaela Rosiu bhala "Mihaela Rosio". A fol 291, l-istess Spettur jigi registrat u traskritt li rrefera ghaliha bhala "Mihalea Rosju". Pero dan ix-xhud ma jieqafx hemm. A fol 135 ikompli jaghti dettalji aktar approfonditi fuq din it-tfajla billi jkompli jghid "sitta u ghoxrin (26) sena, Rumena ukoll, imwielda fit-8 ta' Novembru, 1980, numru tal-passaport Rumen 7688068. Fil-fatt meta wiehed jara aktar il-quddiem id-dettalji

forniti lill-ETC mill-imputat Vincent Micallef stess, a fol 239, jirrizulta li Mihaela Rosiu, hija Rumena, imwielda "08/11/80" u l-passaport Rumen taghha jgib in-numri "07688068". Definittivament li din l-istess persuna migbura mill-Pulizija dak in-nhar tar-raid. Fi kwalunkwe kaz dwar din it-tfalja, jirrizulta a fol 222 li l-applikazzjoni ghall-ingagg taghha maghmula mal-ETC kienet giet rifjutata u li skont id-dokument a fol 60 l-applikazzjoni taghha diga "refused" fit-2 ta' Novembru 2006.

(iii) Dwar Laura Silvia Stanescu. Hawnhekk verament li hemm differenza fl-isem bejn dak imsemmi mill-Ispettur Antonovitch Muscat a fol 135 (li jirreferi ghaliha bhala "Silvia Stanefesko") u dak misjub fuq id-dokument a fol 253, dokument fornit lill-ETC mill-imputat Vincent Micallef stess cioe "Laura Silvia Stanescu". Biss a fol 291, l-istess Spettur jigi registrat u traskritt li rrefera ghaliha bhala "Laura Silvia Stanescu" u mill-banda l-ohra precedentement a fol 135 jaghti dettalji ohrajn u cioe li din hija "Rumena wkoll, imwielda fl-1 ta' Lulju, 1977, disgha u ghoxrin sena, bin-numru tal-passaport Rumen 08724121" jaqblu mad-dettalji msemmija fil-formula mibghuta minn Vincent Micallef lill-ETC, minn fejn jirrizulta li Laura Silvia Stanescu hija ta' nazzjonalita Rumena, imwielda "01/07/77" bin-numru tal-passaport Rumen 08724121. Ghal darb'ohra, minkejja d-differenza minima fl-isem traskritt taghha, din hija l-istess persuna. Fi kwalunkwe kaz dwar din it-tfajla, jirrizulta a fol 249 li l-applikazzjoni ghall-ingagg taghha maghmula mal-ETC kienet giet rifjutata u li skont id-dokument a fol 60 l-applikazzjoni taghha kienet diga "refused" fit-2 ta' Novembru, 2006.

Dawn l-ezempji juru bic-car li fil-fatt dawn it-tfajliet kienu jinsabu jahdmu fl-istabbiliment *Huggins* izda ma kellhomx il-karti in regola. Bid-dovut rigward din il-Qorti, b'din l-ispjegazzjoni ghandha bizzejjed provi biex taqsam il-hsieb tal-esponent a differenza ta' dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u wkoll in bazi ghad-dokumentazzjoni ezebiti f'dan il-process u x-xhieda rispettivi dwar il-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni ghandha provi bizzejjed biex issib lill-

imputati responsabbli wkoll li kkommettew il-hames, is-sitt u s-sebgha imputazzjoni kif dedotti lilhom.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali jikkritika d-decizjoni mpunjata fejn din illiberat lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom, kemm dawk marbuta mat-tmexxija ta' burdell ghal skopijiet ta' prostituzzjoni jew atti mmorali ohra, liema reati jaqghu taht il-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-akkuzi l-ohra marbut mal-impjieg irregolari tat-tfajliet ta' nazzjonalita barranija fl-istabbiliment bl-isem "Huggins" bi vjolazzjoni tal-ligi u regolamenti li jaqghu taht il-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali fl-appell minnu ntentat huwa tal-fehma illi l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni zbaljata ta' dak li skont il-ligi jikkostitwixxi 'burdell', 'prostituzzjoni' u 'atti mmorali'. Dan ghaliex ghall-att materjali mertu ta' din il-vertenza konsistenti f'servizzi moghtija minn tfajliet gewwa 'l hekk maghrufa *gentleman's clubs*, l-appellati gew addebitati bir-reati mahsuba fl-artikoli 8 u 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-fattispecje tal-kaz jirrizulta illi meta il-pulizija ghamlu *raid* gewwa l-istabbiliment *Huggins* gewwa Paceville huma sabu diversi tfajliet lebsin ilbies "indicenti" mal-*bar* izommu kumpanija lill-klijenti rgiel, kif ukoll tfajla qieghda taghmel zifna ma' "*pole*", hekk imsejjah "*pole dancing*" u kien hemm tfajla ohra tezegwixxi zifna msejjha "*lap dancing*". Il-*licensee* ta' dan l-istabbiliment kien l-appellant Vincent Micallef, filwaqt li l-appellant l-iehor Raymond Micallef jidher li kien responabbli mill-gestjoni tal-istess, fil-kariga tieghu bhala *manager*.

Illi l-provi tal-Prosekuzzjoni marbuta mar-reati addebitati lill-appellanti fit-termini tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta jikkonsistu essenzjalment fix-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija nvoluti fir-*raid* li sar fl-istabbiliment mertu tal-kaz, u cioe' il-bar bl-isem *Huggins*. Jiddeskrivu dak li kkonstataw b'ghajnejhom dakinnhar li sehhet din ir-*raid* u cioe' fil-hinijiet bekrin tal-ghodwa tat-18 ta' Novembru 2006, meta allura osservaw xi

tfajliet fil-kumpanija ta' klijenti rgiel jixorbu mal-bar, tfajla taghmel zifna mal-*pole*, u ohra li kienet qed tezegwixxi zifna hekk imsejjha "*lap dancing*" fil-presenza ta' klijent ukoll tas-sess maskili. Hemmhekk sabu b'kollox sitt tfajliet ta' nazzjonalita barranija li kienu qed jahdmu gewwa il-*club*. Skont ix-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija, l-ebda wahda minn dawn it-tfajliet ma kienu mnezza' ghalkemm lebsin il-minimu ta' hwejjeg u cioe' hwejjeg qasir u trasparenti. Innotaw izda li kienu lebsin hwejjeg ta' taht. Il-Prosekuzzjoni izda ma tressaqx lil dawn it-tfajliet bhala xiehda[1] u lanqas il-klijenti li kienu qed jaqdu. Minn tfittxija li saret fl-istabbiliment ma instab xejn illegali.

Ikkunsidrat,

Illi f'dawn l-ahhar snin gewwa zoni ta' divertiment b'mod ewlieni f'stabbilimenti f'Paceville faqqsu 'l hekk imsejjha "*gentlemen's clubs*". F'dawn l-istabbilimenti li huma ffrekwentati esklussivament minn persuni tas-sess maskili jigi offrut tip ta' divertiment fejn nisa li jkunu lebsin il-minimu tal-hwejjeg jaghmlu zfin partikolari u cioe' zfin erotiku imsejjah *lap dancing* jew *pole/table dancing* u kultant anke *strip tease.* Dan jista' isehh ukoll f'kabini privati li jkunu maghluqa fejn persuna tas-sess femminili toffri zifna erotika b'mod privat lil-persuna tas-sess maskili. Ma hemmx dubju illi tali servizzi ghandhom l-ghan li jqanqlu pjacir sesswali lill-'ispettatur', ghalkemm ma jigix imwettaq ebda att sesswali.

Illi sfortunatament ghalkemm l-Ezekuttiv hejja pjan ta' konsultazzjoni bil-ghan li tigi promulgata ligi li tirregola din l-attivita '*sui generis*', madanakollu qatt ma mmaterjalizzaw regolamenti li maghhom il-qrati jistghu jimxu meta spiss l-id tal-gustizzja tipprova tirregola x-xoghol li jaghmlu tfajliet f'dawn it-tip ta' stabbilimenti.

Illi illum s-socjeta taghna iktar ma jghaddi z-zmien qed issir iktar permissiva. Il-Legislatur diga' fil-fatt ha passi sabiex jirregola il-firxa ta' attivitajiet li qabel kienu jitqiesu bhala mmorali u ndicenti, bhal per ezempju l-ligi li tirregola l-bejgh ta' oggetti jew kitbiet pornografici, il-ligi li tirregola ic-censura fost ohrajn. Madanakollu fir-rigward tal-istabbilimenti hekk imsejjha '*gentleman's clubs*', ma tezisti l-ebda

---

[1] Mix-xiehda tal-Ispettur Antonovich Muscat jidher illi kien ghad hemm proceduri pendenti kontra dawn it-tfajliet quddiem il-Qiorti ta'l-Appell.

legislazzjoni specifika li tirregola il-gestjoni ta' dawn il-hwienet u l-limiti li ghandhom jigu mposti ghall-atti li jsiru gewwa fihom. Per ezempju hemm il-hsieb illi z-zfin fil-kmamar privati jitnehha, ir-reklamar mit-tfajliet tas-servizzi minnhom offerti barra l-istabbilment ikun ipprojbit fost ohrajn. Ghalkemm jidher illi l-Ezekuttiv huwa miexi fid-direzzjoni illi jirregola it-tmexxija ta' dan it-tip ta' negozju madanakollu sal-lum dan ghadu ma sehhx.

Il-Prosekutur ghalhekk f'dawn l-ahhar snin irrikorra lejn id-disposizzjonijiet generali tal-ligi li jirregolaw it-tmexxija ta' briedel u stabbilimenti ohra li jistghu joffru servizzi ta' pjacir sesswali. Dana huwa zbaljat billi jidher illi dawn l-istabbilimenti huma gestiti b'mod differenti minn briedel jew *half-way* houses ohra fejn fihom jigi offrut biss servizz ta' prostituzzjoni. Billi, kif diga inghad, ma tezisti l-ebda legislazzjoni li jirregolaw dawn l-istabbilimenti partikolari, allura huwa difficli biex jigi sanzjonat it-tip ta' attivita' li ssir gewwa fihom. Il-Prosekuzzjoni dejjem mexxiet l-azzjoni penali kontra min jiggestixxi dawn l-istabbilimenti taht il-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, ligi li fil-fehma ta' din il-Qorti ma ghandhiex issib applikazzjoni fil-kaz in dizamina billi n-natura ta' dawn iz-zewg tipi ta' "negozji" u s-servizzi li joffru huma differenti.

Illi huwa fatt maghruf illi f'dawn il-*clubs* qeghdin jahdmu  tfajliet hafna drabi gejjien minn pajjizi tal-Ewropa tal-Lvant, pajjizi li ghalkemm illum stati membri tal-Unjoni Ewropeja madanakollu ghadhom qed ibatu mill-effetti tal-komunizmu li hakimhom ghal snin twal u li ghalhekk ghadhom ibatu minn faqar socjali. Hafna drabi dawn it-tfajliet jasslu f'pajjizna bit-tir li jaghmlu dan it-tip ta' xoghol bl-iskop illi jaqilghu xi haga tal-flus. Hafna minnhom sfortunatament jispiccaw jigu sfruttati u anke kostretti jaghmlu dana t-tip ta'xoghol biex jaqilghu l-ghejxien taghhom, ghalkemm dan ma jirrizultax fil-kaz taht il-lenti tal-Qorti. Illi iz-zeffiena li hafna drabi ikunu self-employed u jhallsu tip ta' *stage fee* lil sid l-istabbiliment, imbaghad ikunu kostretti jaraw kif ihallsu dina l-"mizata" lura billi jattiraw il-klijenti ghaz-zfin taghhom.

Issa ghalkemm l-Avukat Generali jaghmel esposizzjoni fir-rikors tal-appell ta' dak li jikkostitwixxi "prostituzzjoni" jew "eghmil zieni," madanakollu ma jorbotx dawn id-definizzjonijiet mal-fatti tal-kaz. Dan ghaliex ghalkemm meta saret l-ispezzjoni mill-

pulizija rrizulta illi kien hemm nisa mal-*bar* li kienu lebsin hwejjeg qasir u trasparenti fejn sahansitra kienu jidhru l-hwejjeg ta' taht, u kien hemm zewg tfajliet lebsin bra u qalziet ta' taht qed jezegwixxu *pole* u *lap dancing*, madankollu ma hemmx l-icken prova illi dawn kienu qed iwettqu xi att sesswali. Skont ix-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija l-ebda wahda minn dawn it-tfajliet ma kienu mnezza' u ma kienx qed isir kuntatt fiziku mal-klijenti, ghalkemm wahda minnhom kienet qed tizfen fuq hogor il-klijent.

Il-Prosekuzzjoni ghogobha, kif inghad, li tixli lill-imputati, appellati bir-reati mahsuba fil-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta u precizament b'dawk mahsuba fl-artikoli 8, 9 u 10 ta'l-Att li jiddisponu hekk:

> **"Kull min iżomm jew jeżerċita jew ikollu sehem ma'oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni <u>jew għal skopijiet oħra mmorali</u> jeħel, meta jinsab ħati, il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn u multa ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu."**

> **"Kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni <u>jew għal skopijiet oħra mmorali</u> jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tal-priġunerija minn xahar sa sitt xhur**."

> **"Is-sid jew kull min għandu taħt idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond ieħor li xjentement jagħti b'kiri jew jippermetti l-użu tagħhom għal skop ta' prostituzzjoni <u>jew għal skopijiet oħra mmorali</u> jeħel, meta jinsab ħati ...."**

Illi dawn it-tlett disposizzjonijiet tal-ligi jiddeskrivu l-att materjali tar-reat bil-kliem "prostituzzjoni" u "skopijiet ohra mmorali", liema l-ahhar frazi giet issottolinjata mill-Qorti. Dan ghaliex ghalkemm ma hemmx provi illi fil-fond "*Huggins*" kienet qed issir xi attivita' ta' prostituzzjoni, madanakollu il-Prosekuzzjoni tikklassifika z-zfin erotiku li kien issir bhala "att immorali" u allura fil-fehma tal-Avukat Generali jaqa' fl-iskop u s-sanzjoni tal-ligi.

Ghalkemm mal-medda tas-snin il-gurisprudenza dejjem fittxet biex taghti definizzjoni ta' dawk l-atti li ghandhom jitqiesu bhala 'immorali' u dan sabiex tqiesx jekk jirrizultawx ir-reati kkontemplati f'dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, madanakollu fil-fehma ta' din il-Qorti il-legislatur meta fittex biex jissanzjona l-atti hemmhekk imsemmija permezz tal-promulgazzjoni tal-Kapitolu 63 u l-emendi li segwew ghall-Att, ried ihares milli l-awtur tar-reat jaghmel qliegh minn fuq l-prostituzzjoni jew inkella mill-attivita ta' natura sesswali li ssir fil-proprjeta' tieghu. Huwa dan illi allura jsib is-sanzjoni tal-ligi u mhux l-att immorali nnifsu, billi att partikolari li jinvolvi l-esposizzjoni tal-gisem femminili, ghalkemm jista' ma jilhaqx il-minimu ta' livell ta' moralita' mistennija ma ghandux ifisser illi jaqa' taht is-sanzjoni tal-ligi. Illi allura din il-ligi trid tipprotegi kull min ikun qieghed jigi sfruttat u dan sabiex haddiehor jaghmel qliegh minn dak l-isfruttament. Illi gie ribadit mill-qrati taghna matul dawn l-ahhar snin mill-koncepiment ta' dawn it-tipi ta' postijiet ta' divertiment, illi l-att li jinvolvi *strip tease*, *pole dancing* jew *lap dancing* (li mhuwiex att ta' prostituzzjoni) ma ghandux jaqa' fl-isfera ta' att immorali <u>meta kommess f'post</u> li huwa ndikat ghad-divertiment ta' persuni tas-sess maskil u meta jidher, ghal tal-anqas mill-atti processwali f'dan il-kaz, illi n-nisa li kienu qed jaghmlu dan ix-xoghol kienu qed jaghmlu dan bil-volonta' libera taghhom u kienu qed jaghmlu qliegh minnu:

> **"Il-pulizija illi marru jaghmlu l-ispezzjoni deherilhom illi dak illi raw quddiemhom seta' jitqies bhala att immorali fis-sens tal-ligi. Evidentement ghan-nies illi kienu prezenti f'dak il-lokal, dan ma kienx. Dawn in-nies kienu prezenti volontarjament u kienu persuni adulti illi setghu jiehdu d-decizjoni matura ta' jidhlux jew ma jidhlux f'dak l-istabbiliment. Di più t-tfajliet kienu adulti u ma hemm l-ebda prova illi dawn gew b'xi mod sfurzati jew influwenzati biex huma jaghmlu dawk l-atti illi sussegwentement irrizulta illi ghamlu. Ghalhekk din hija kwistjoni soggettiva illi tiddependi hafna mill-persuna illi jkun dak il-hin qieghed jara dawn l-atti jsiru quddiemu. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza deciza fit-8 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Lorraine Falzon" fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet, wara illi rriferiet ghall-kawza "Il-Pulizija versus Christine Adams" (1962) qalet,**
>
> **"Minn dak iz-zmien, il-Qorti qalet, ghaddew diversi snin u certi kuncetti ta' x'inhu lbies xieraq u mhuwiex komplew jevolvu jew jiddeterjoraw skont kif wiehed ihares lejn din il-kwistjoni. Il-Qorti kompliet u affermat illi tkun xi tkun il-fehma tal-gudikant individwali, fl-assenza ta' dispozizzjoni cara u**

**tonda x'jista' jew x'ma jistax jintlibes, il-kwistjoni se tibqa' wahda soggettiva ghall-ahhar u apparti mill-fatturi ta' post u hin u cirkostanzi, tiddependi mill-forma mentis ossija l-make-up psikologiku morali u l-ottika tal-gudikant partikolari – ikun hemm kazijiet ta' ilbies mhux xieraq ovvja ghal xi uhud u anqas ovvji ghal ohrajn."**

**Ghalhekk dak illi raw il-pulizija dakinhar tal-ispezzjoni illi deherilhom illi kien kontra l-morali f'lok pubbliku jew espost ghall-pubbliku mhux necessarjament huwa mmorali ghal persuni ohrajn b'make-up psikologiku jew trobbija differenti. Illum il-prezenza ta' tfajliet pole dancing u lap dancing hija komuni hafna f'pajjizna u jinsab imferrex sew f'diversi nightclubs illi joffru dan is-servizz. Di più anke l-ilbies skars tat-tfajliet b'tanga u bra ukoll accettabbli u accessibbli ghal kulhadd kemm fuq il-mezz tat-televizjoni kif ukoll fuq mezzi elettronici. Wasalna fl-istat fejn is-socjetà taghna m'ghadhiex aktar thares b'certa stmerrija lejn dawn l-attivitajiet.**

**Hekk qalet il-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Ottubru 2010 "Police versus Luciana Loredana Secan" fejn il-Qorti qalet,**

**"The Court is of the opinion that when such acts are performed by consenting adults and in cases where there is no exploitation or abuse, then such acts should not be illegal."**

**L-istess f'kawza aktar ricenti deciza ukoll mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Mejju 2013 "Il-Pulizija kontra Rebecca Camilleri" et fejn dik il-Qorti anzi qalet illi l-fatt illi deher is-sider tal-persuna li kienet qieghda tizfen, wahdu, minghajr cirkostanzi ohra idonei bhala wiehed illi jaghti skandlu ndipendentement minn jekk hux fatt accettabbli jew le, dik il-Qorti kienet tal-fehma illi l-ghemil mhuwiex fl-estrem att vulgarju pastaz jew li joffendi d-dicenza. F'dan il-kaz terga' m'ghandniex dawn l-estremi peress illi hadd ma allega illi dawn it-tfajliet f'xi hin esponew sidirhom ghall-pubbliku illi kien hemm prezenti fl-istabbiliment." – Il-Pulizija vs Donald Camilleri App. Inf. 02/10/2014**

Fid-dawl ta' dawn l-izviluppi gurisprudenzjali, meta abbinati mal-fatti probatorji f'dan il-kaz, din il-Qorti tqies allura illi l-aggravji mqanqla mill-Avukat Generali ma jisthoqqilhomx akkoljiment u dan fid-dawl tal-fatt illi s-sentenza mpunjata li pprecediet dan il-hsieb gurisprudenjzali, madanakollu tabbraccja l-istess.

Il-Qorti, madanakollu terga' tirrafferma illi wasal iz-zmien illi dawn l-istabbilimenti ta' divertiment jigu rregolati f'legislazzjoni *ad hoc* u li jitpogga fuq saqajh qafas legislattiv li jistabbilixxi liema hi dik l-attivita li ghandha tigi permessa u liema ghandha tigi sanzjonata, u fuq kollox li jkun hemm il-harsien shih mhux biss minn

sfruttament ta' dawk it-tfajliet li jintefghu ghal dan it-tip ta' xoghol izda, tas-socjeta in generali billi jigi definit car u tond min jista' jiffrekwenta dawn it-tip ta' stabbilimenti, sabiex jigu imhares dawk il-persuni vulnerabbli fis-socjeta b'mod partikolari l-minorenni.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali rressaq lanjanza ukoll fir-rigward tal-liberazzjoni maghmula mill-Ewwel Qorti ghall-ahhar tlett akkuzi marbuta mal-impjieg mhux regolarizzat tat-tfajliet ta' nazzjonalita barranija gewwa l-istabbiliment *Huggins*. Illi l-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha qieset illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-grad ta' prova mistenni minnha billi ma kienx hemm qbil dwar l-isem tat-tfajliet ikkoncernati. L-Avukat Generali jishaq madanakollu illi l-ismijiet gew traskritti erronjament fit-traskrizzjoni tax-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija, izda it-tfajliet setghu jigu facilment identifikati mid-dettalji taghhom fosthom id-data u il-post tat-twelid, l-eta' u n-numru tal-passaport.

Illi din il-Qorti tqies illi l-Avukat Generali ghandu ragun f'dan l-aggravju minnu ntentat. Illi mill-atti jirrizulta illi meta sehh ir-*raid* gewwa l-istabbiliment *Huggins* instabu b'kollox sitt tfajliet jahdmu hemmhekk u cioe' Petronella Piracalabelu, Florentina Oriana Vanica, Laura Silvia Stanescu, Mihaela Illiele, Mihaela Rosiu u Andrea Ioana Tarbujaru kollha ta' nazzjonalita Rumena. Illi mix-xiehda ta' Jennifer Debono rapprezentat tal-Korporazzjoni ghat-Tahrig u Impjieg u d-dokumenti estensivi minnha esebiti jirrizulta illi dawn it-tfajliet ma kellhom l-ebda permess ta' impjieg. Fuq kollox l-applikazzjoni ghal permess tax-xoghol ta' Stanescu, Trabujaru u Rosiu li saret mid-Direttur tas-socjeta Falcon Leisure Limited li kienet tiggestixxi il-*Huggins Pub*, gewwa Paceville, kienet giet irrifjutata fit-02 ta' Novembru 2006[2]. In-numru tal-passaport, data u post tat-twelid u eta' ta' dawn it-tfajliet jaqblu ma' dawk moghtija mill-Ispettur Antonovich Muscat fix-xiehda tieghu ghalkemm fit-

[2] Ara Dokumenti esebiti a fol. 222 sa 257 tal-process

traskrizzjoni li saret ghax-xiehda tieghu, kif inghad, l-ismijiet jigu "*misspelt*" kull darba. Kwindi l-ahhar tlett akkuzi jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirriforma d-decizjoni mpunjata, tikkonfermaha fejn l-appellanti gew illiberati mill-ewwel erba' akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, izda tirrevokaha fejn dawn gew illiberati ukoll mill-ahhar tlett akkuzi, u wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 5(9) tal-Avviz Legali 205 tal-2004 u l-artikolu 7 tal-Avviz Legali 110 tal-1993, kif ukoll l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-appellanti hatja tal-ahhar tlett akkuzi migjuba kontra taghhom u tikkundannhom kull wiehed multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500).

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur